Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 421/2018

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana Lee)

Vs

Fabian Sciriha

Illum 6 ta' Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Fabian Sciriha detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 266885M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar l-4 ta' Frar 2018 fil-lukanda Excelsior, Triq l-Assedju l-Kbir fil-Floriana, bejn it-15:00 u 15:25:

(a) kkommetta serq ta' żewġ basktijiet b'kontenut divers għad-dannu ta' Shohei Nishimura u Mayo Jinnai u/jew ta' persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-€2329.37) bi ksur tal-artikoli 261 (c), 267, u 279 (a) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) ikkommetta serq ta' basket b'kontenut divers għad-dannu ta' Robert Newdick u Deborah Janet Newdick u/jew ta' persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-€2329.37) bi ksur tal-artikoli 261 (c), 267, u 279 (a) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) talli laqa' għandu ħwejjeġ misruqa bi ksur tal-Artikolu 334 (a) tal-Kodiċi Kriminali;

(d) talli huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 (b), 31, 49, 50, 261 (c), 267, 279 (a), 289 u 334 (a) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lil Fabian Sciriha, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet numri wieħed u tnejn u li huwa reċidiv filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

Kwantu għall-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu iżda mhux fi stadju bikri. Inoltre huwa jirriżulta li huwa plurireċidiv skont kif kontestat lilu u ċioè mhux biss ai termini tal-artikoli 49 u 50 iżda wkoll skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jgħid hekk : -

> 289. (1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.

Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi għażlet li żżid il-piena b'żewġ gradi. Għaldaqstant ikkundannatu għal perjodu ta' ħmistax il-xahar priġunerija.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali ordnat li l-atti tal-kawża flimkien ma' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem skont il-Liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Fabian Sciriha, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ai finijiet ta' htija izda tvarja s-sentenza ai finijiet ta' piena u dana billi tinghata piena aktar xierqa u li tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Fabian Sciriha huma s-segwenti u cioè:-

Illi minn din is-sentenza l-appellant umilment qed jinterponi dan l-Appell u dana limitatament dwar il-piena inflitta fuqu. L-appellant jikkontendi li din il-piena kellha tkun wahda ferm iktar miti u li tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Illi, in oltre, l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi meta kienet qieghda tirrifletti dwar il-piena in kwistjoni:

a) Il-fatt li l-appellant ilu snin twal bil-problema akuta ta' abbuz mid-droga;

b) Il-fatt li l-appellant qieghed jiehu l-*methadone* fl-ammont ta' 45, li mhijiex ikkunsidrata bhala baxxa izda lanqas bhala wahda gholja hafna;

c) Il-fatt li l-appellant irid ikompli jahdem biex jaqta' l-uzu tal-*methadone* kompletament sabiex ikun jista' jidhol jaghmel il-programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga;

d) Illi omm l-appellant kienet mietet u missier l-appellant ma jridux lura d-dar u b'hekk wara li l-appellant u t-tfajla tieghu ta' madwar erbatax-il sena (14) ma baqghux flimkien, hu ma kellux fejn imur u ghamel xi zmien jorqod barra.

Rat illi l-appellant kien ghamel talba sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga pero' b'digriet taghha tal-14 ta' Gunju, 2019 kienet cahdet it- talba tieghu ghaliex kienet prekluza milli tikkonverti ruha skond il-ligi u dan ghaliex l-artikolu 8(2)(c) tal-kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta ma giex sodisfatt.

Semghet diversi xhieda mitluba mid-difiza u dan sabiex il-qorti tisma dwar il-problema li l-appellant ghandu dwar abbuz ta' droga u dawn originarjament instemghu ai fini tat- talba ta' l-istess appellant sabiex din il-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti ta Droga.

Rat ir-rapport pprezentat minn Joanna Buhagiar nhar it-2 ta April, 2019 rilaxxjat minn **Dr Moses Camilleri** u x-xhieda tieghu moghtija nhar id-9 ta' Mejju 2019. Dan kkonferma li l-appellant kien holoq kuntatt mac-Centru tad-Detox ghall-ewwel darba fit-3 ta Awwisu 2005 meta kien ghad kellu ghoxrin sena. Dan kien ammetta maghhom li l-ewwel darba li kien ghamel uzu mid-droga kien meta kellu hmistax-il sena. Jghid li beda juza l-Eroina mta kellu dsatax-il sena u sahansitra anke beda jittaqab. Jispjega ukoll li qabel ma ghamel kuntatt mad Detox kien gja ghamel xi zmien il-habs .

Fl-10 ta' Marzu, 2006 kien mar id-Detox flimkien ma xi ufficcjal tal-probabtion u minn councillor u dan ghaliex ma kienx qed isir progress sa sena u nofs wara u cioe sa Ottubru 2007 kien gja attenda diversi drabi fic-Centru Detox akkompanjat mill-pulizija minhabba li kien ikun arrestat. Wara din id-data tilef kutatt mac-Centru ghall-perijodu ta' sentejn. F'dawn is-sentejn qatta' hafna zmien il-habs.

Rega' stabilixxa kuntatt mac-centru Detox fid-9 ta' Dicembru, 2009 ghaliex kien rega beda jghamel uzu mill-Eroina u rega beda fuq il-kura Methadone.

Jghid li fis-sena 2010 kien hemm zvolta ghall-ahjar u beda juri sinjali li beda jghamel xi progess. Sa Dicembru 2010 anke irnexxili jgamel zmien bla tehid tal-methadone. F dan iz-zmien kien qed jigi invistat mill-psikjatri u kien qed jircievi kura ghall-ansjeta. Irnexxilu jtawwal iz-zmien li jibqa' ma juzax drogi ghall-perijodu ta' sentejn. F'Ottubru 2012 waqaf jigi fic-Centru tad-Detox anke wara li kien dahal l-isptar Monte Carmeli sabiex jkun jista' iwaqqaf il-kura tal-methadone.

Fi Frar 2014 rega' ghamel kuntatt mad Detox u dan ghaliex kien rega' beda jghamel uzu mid-droga Eroina u kien jidher il qata' lura f'sahtu. Rega' beda l-kura tal-methadone. Sa Lulju, 2016 kien ghadu ma giex ghall-ahjar. Aktar kumplikazzjonijiet

f'sahhtu komplew jinqalghu minabba uzu ta' labar. F'Lulju 2016 rega tilef il-kuntatt mac-centru Detox.

F'Lulju, 2017 rega talabhom l-ghajnuna u dan minhabba li kien qed jghamel uzu mid-droga Eroina. Sa Frar, 2018 kien ghadu mhux qed juri sinjali li gej ghall-ahjar. Wara Frar ,2018 ma regax mar id- Detox.

Semghet lis-social worker **MarieLouise Sammut** u spjegat li hija tahdem ic- CCF u ilha tiehu hsieb lill-appellant minn Ottubru, 2018. Spjegat li l-appellant dahal il-habs fis-26 ta' Settembru, 2018 b'sentenza ta' sentejn u hames xhur. L-ewwel kuntatt kien fil-5 ta' Ottubru, 2018 fejn kienet iltaqghet mieghu flimkien mal-care plan co-ordinator tieghu. Il-pjan tal-kura li gie deciz huwa li Fabian ghandu jinghata l-ghajnuna biex jindirizza erba' fatturi. Il-pjan ta' kura li gie deciz huwa li l-appellant ghandu jinghata l-ghajnuna biex jindirizza erba' fatturi u cioe il-vizzju tad-droga, hin produttiv il-habs, akkomodazzjoni la johrog mill-habs u impieg. Qalet li l-appellant ma kellux mezzi finanzjajri u huwa *boarded out* u lanqas fejn jghix ma ghandu. Jghix bil-beneficcji socjali li huma madwar hames mitt euro (€500) fix-xahar. Minkejja dan kollu l-problema tad-droga tieghu qed tinghata prijorita u qed jigi imheggeg sabiex jibda programm ta' riabilitazzjoni.

Mistoqsija kemm kien ilu b'dan il-vizzju tghid li ma tafx u minkejja sessjonijiet li kellha mieghu kien ghadu ma applikax ghal programm, u fil-fatt qalet li ghadu mhux motivat biex jibda jindirizza l-problema tieghu . Tghid li gie riferut ukoll ghal support psikologiku u qed ikun segwit minn psycology practitioner bl-ghan li tijieb il-motivazzjoni tieghu.

Qalet li kien ghadu taht il-kura tal-methadone u kien qed jiehu 45cc.

Semghet lil **Dr Anthony Dimech** jixhed u jikkonferma li l-aħħar iż-żmien meta ra lill-appellant kien fis-snin 2011/2012 gewwa id-Detox għalkemm ighid jista' jkun li daħal l-isptar Monte Carmeli aktar reċenti imma daħal ukoll mhux taħtu billi huwa mhwiex il-psikjatra tal-ħabs.

Dak iż-żmien 2011/2012, il-problema kienet li kellu problemi ta' natura tal-użu ta' sustanzi u kien anke qiegħed fuq it-trattament tal-*methadone* dak iż-żmien u jista' jkun li għadu pero minix cert fuq l-użu tal-Opiates. Kien hemm anke problemi serji tal-burdata u kien qiegħed fuq trattament li kien jinkludi kombinazzjoni ta' *anti depressants* u *mood stabilizers.* Jinnota wkoll li mill-lat kliniku ma' sar l-ebda' test psikoloġiku fuq dan ir-rigward, l-ebda' test formali psikoloġiku, jista jkun li hemm problema minima ta' intellet cioe' *intellactual problems* li jagħmluh aktar vulnerabbli fil-ħajja jista' jkun aktar vulnerablli minn average. Għandu ukoll intellett baxx .

Spjega li biex wieħed ikollu intellactual disability l-IQ jrid ikun below 70 waqt li normali hija 100, imma jispjega li hemm range għolja ta' nies illi jaqghu bejn 70 u 100 li m' għandhomx dijanjożi u m' għandhomx ikollhom dijanjożi ta' *learning disability* imma xorta fejn jidħlu funzjonijiet eżekuttivi tal-moħħ ibgħatu w huma żvantaġġati fejn ħaddieħor, allura meta jkun hemm ċertu ċirkostanzi ħa jkunu vulnerabbli.

Stqar li jekk hemm element ta' *intellactual disability by definition intellactual* disability iżżid ir-riskju ta' kull kundizzjoni oħra mentali jiġifieri min għandu din it-tip ta' kundizzjoni għalkemm ma taqax below is-70 imsemmija 'l fuq , ikollu aktar riskju. Ovvjament l-użu tas-sustanzi ma jgħinx.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-mertu ta l-appel.

Ikkunsidrat.

Illi fir-rikors tal-appell odjern l-appellant qed jillimita l-aggravju tieghu limitatament fuq kwistjoni ta' piena u isostni li l-piena moghtija hija wahda eccessiva minhabba is-segwenti ragunijiet:

1. Il-fatt li l-appllant ilu mahkum il-vizzju ta' droga ghal zmien twil.
2. L-ammont konsidervoli ta' methadone li qed jiehu ta' 45cc
3. Ix-xewqa tieghu li jaqta' il-methadone biex ikun jista jidhol programm.

4. Illi ommu mietet u missieru ma jridux lura d-dar tant li sahansitra anke ghamel zmen jghix barra.

Illi dan hu appell li jikoncerna BISS il-piena li giet inflitta mill-ewwel Qorti u jinghad ukoll in primis li ma hux qed jigi indikat li l-ewwel Qorti applikat xi piena haizna fis-sens li ma hiex fil-parametri li tippermetti l-ligi. Pero' l-appellant isostni li fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe dawk esposti aktar 'l fuq hemm fatturi fil-fehma tad-difiza jimmeritaw temperament fil-piena.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fissentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[1] l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero' li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-*forma mentis* tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[2], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[3] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[4]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Frar 2012
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Jannar 2001

għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi.

Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **<u>il-Pulizija vs. Joseph Attard</u>** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Hu minnu bhala fatt li bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha (diversament preseduta ) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Jonathan Attard</u>**[5] :

> *'Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-Iimiti li tipprefiġġi l-lġgi. Dan huwa hekk peress illi min jammettij jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kulI deċiżjoni dwar piena Ii l-Qorti tkun tista` tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx Ii din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw ,iekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew Ie. Mhuwiex normali pero', Ii tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Iiġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."*

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali fi-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spt. T. Micallet) vs John Gauci</u>**[6], "mhux normali Ii din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva. Dan għax, kif ġie ritenut f-Alppell Kriminali (Superjuri).

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 2004
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Marzu, 2009

"**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[7] " :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata millI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti ) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard.**[8]"

Illi madankollu kif ġara fil-kaz tal-Appell Kriminali ċitata supra fI-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**[9] , u fil-kaz ta' "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[10] " (citata mill-istess difiza), jista jghati kaz li jirriżulta Ii fil-mori tal-appell, I-appellant ghamel dak possibbli biex jirriforma ruhu u izomm il-boghod mill-hajja kriminali f'liema kaz tenendo kont il-passat refletarju tieghu ser tkun proprju seħħet "*ċirkostanza.sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Qorti*", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tieħu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata u li ghalhekk tista' tagħti lok għal temperament fil-piena.

Illi l-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u rat li l-appellant gie ikkundannatpiena ta hmistax-il xahar prigunerija uq ammissjoni inkondizzjonata tieghu stess. Rat li l-ewwel Qorti iggustifikat il-piena li errogat bili stqaret li l-appellant ma kienx irregistra ammissjoni fi stadju bikri, rat li huwa plurirecidiv u mhux biss skond l-artikolu 49  u 59 izda anke skond l-artikolu 289 tal-kodici kriminali u kien ghalhekk li ghazlet li izzid il-piena b'zewg gradi.

Din il-Qorti fliet il-process u smghet xhieda prodotta mill-proeskuzzjoni u dan abiex tara jekk hemmx xi raguni 'l ghaliex hija ghandha tiddipatixxi mill-piena infitta mill-ewwel Qorti. Li hu zgur hu li l-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li bniedem jista' jibqa' jikser il-ligi u ma jbatix il-konsegwenzi penali ghal agir illegali tieghu.

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede Superjuri) nhar is-26 ta' Frar ,2009
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede SUperjuri) nhar l-20 ta' Marzu 2009
[9] Ibid
[10]Ibid

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat illum appellant u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li verament l-appellant ghandu problema ta abbuz ta' droga flimkien ma numru ta' problemi ohra  kif deskritti mis-social worker u psikjatra aktar 'l fuq pero cio' nonostante ma jridx jghin ruhu tant li anke is-social worker tieghu li xehdet fil-mori ta' dan l-appel stqart li l-appellant m' ghandux il-motivazzjoni sabiex jibda' programm u jindirizza b'mod serju wahda mill-problemi li ghandu.

F'din is-sitwzzjoni din il-Qorti thoss li  m'ghandhiex taghti cans lill-appellant sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta' minkejja li hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li ma ghamel l-ebda l-isforz biex jghin lilu innifsu minkejja li kien jaf li kellu ix-xabla imdenla fuqu permez ta' dan l-appell.

Minn ezami tal-fedina penali tieghu inserita fl-atti li hija wahda refrettarja hafna jirrizulta li l-appellant ghandu 35 sena u dan ghaliex twieled fis-sena 1985 u minn meta kellu sbatax-il sena kien gja qabad fuq it- triq ta' kriminalita' tant li instab hati tar-reat ta' serq f'zewg convctions. Huwa baqa' isegwi din il-hajja ta' kriminalita' tant li mis-sena 2002 sa llum huwa gja ghandu tmintax-il conviction ohra apparti din odjerna fejn instab hati ta' multiplicita ta' reati  fosthom anke dawk konnessi mad-droga apparti diversi drabi li instab hati ta' serqiet aggravati.

L-appellant inghata hafna cansijiet biex jirriforma ruhu jew almenu jittanta jaqbad it-triq it-tajba pero cio nonostante dan ma hadhomx  u illum jinsab ghadu jiehu l-methadone b'livel gholi ta' 45cc.

Huwa ovvju li l-appellant ma jridx jehles minn din il-problema akuta li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga u dan qed jinghad in vista tad-diversi cansijiet li inghataw lilu biex jindirizza il-problema. Mhux talli hekk li anke jaf li ghandu din is-sentenza imdendla fuq rasu ta' hmistax-il xhar prigunerija u xorta donnu ma hux lest li jindirizza din il-problema b'mod serju, Anke meta jaf li apparti din il-problema ta' abbuz ta' droga ghandu problema finanzjarja ghaliex jghix biss bl-ghajnuna socjali, m ghandux dr fejn jabita u jidher li ghandu ukoll xi problemi socjali.

Din il-Qorti ghalhekk fil-kwadru kif fuq impitter ma thossx li hemm ragunijiet ‘l ghaliex hija ghandha tbiddel il-piena moghtija mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkofnerma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir- rigward ta' htija kif ukoll fir rigward il-piena inflitta ta' hmsitax il- xahar prigunerija

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur